MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 467/2014

Appell Nru: 467/2014

Il-Pulizja

Assistent Kummissarju Norbert Ciappar

Vs

Andy Calleja

Illum 26 ta’ Marzu, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Andy Calleja, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 338180M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Ottubru, 2005:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

U aktar talli:

Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artiklu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-10 ta' Novembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u kkundannatu ghal piena ta' hames (5) snin prigunerija effettiva u multa ta' erbat elef Euro (€4,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsa u ghoxrin Euro (€125.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard mill-1 ta' Dicembru 2014. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti tordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' erba' mija u dsatax-il Euro u disa' u ghoxrin centezmu (€419.29), ekwivalenti ghal mija u tmenin Lira Maltija (Lm180.00), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Andy Calleja, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata b'dana illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabithu hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal terminu ta' hames (5) snin prigunerija effettiva oltre l-hlas ta' erbat elef (4000) multa u konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Andy Calleja huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-piena erogata kienet wahda eccessiva ghas-segwenti ragunijiet.

Illi l-kaz jirrisali ghal Ottubru tal-2005. Illi xi snin wara l-appellant kien tressaq il-Qorti u f'l-2009 irregistra l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi lilhu adebiti, liema ammissjoni giet ikkonfermata.

Illi imbghad id-difiza resqet xhieda ai finijiet ta' piena u fis-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011 il-prosekuzzjoni u d-difiza kolleggjalment ivverbalizzaw li l-piena idoneja fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz kellha tkun bejn tmintax (18) u erbgha u ghoxrin xahar (24) prigunerija effettiva, oltre l-multa tassattiva.

Illi imbghad permezz ta' sentenza tal-10 ta' Novembru, 2014, l-Ewwel Qorti ddisponiet mill-proceduri odjerni billi kkundannat lill-imputat ghal piena suddetta.

Illi fil-parti tal-kunsiderazzjonijiet dwar il-piena l-Ewwel Qorti qalet;

*"Huwa ovvju li meta l-imputat sab ruhu daru mal-hajt, ammetta biex forsi jiehu xi mitigazzjoni fil-piena ghall-ammissjoni. Pero l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti u r-rizorsi tal-Pulizija, u ghalhekk m'ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena ghall-fatt li huwa irregistra ammissjoni."*

Illi jinghad minnufih li jekk kien hemm xi dewmien f'din il-kawza dan zgur qatt ma jista' jigi attribwit lill-appellant li rregistra l-ammissjoni tieghu propju fl-ahhar tat-tieni seduta mizmuma ghal provi, u allura hames snin qabel mal-Qorti tat sentenza, anke qabel ma' l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha.

Illi in oltre l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet referenza ghax-xhud in difeza l-psikjatra Joseph Spiteri li xhed dwar il-problema kbira tal-abbuz tad-droga li kellu l-appellant u li fis-sena 2011, kien ilu tlett snin drug free. Illi l-Qorti qalet verbatim:

"Huwa vera li jidher mix-xhieda tal-Psikjatra Spiteri, li l-hati issa qabad it-triq it-tajba, izda dan l-fatt ma jezimix lill-hati mill-piena, aktar u aktar meta l-legislatur stess ipprovda li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tas-sentenza sospiza u tal-*Probation of Offenders Act* ma japplikawx ghar-reat in dizamina (Artikolu 120(7) tal-Kapitolu 31. Disposizzjoni identika tinsab fl-Artikolu 22(9) Kapitolu101. Dan effettivament ifisser li meta tinstab htija ta' traffikar ta' droga jew ta' pussess aggravat, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti hija tassattivament marbuta li tikkundanna lill-hati ghal piena ta' prigunerija effettiva u multa."

Illi bid-dovut rispett l-appellant jinsab perpless u zbalordit b'dina l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti stante li fl-ebda hin u bl-ebda mod ma l-appellant ghamel xi sottomissjoni jew ta' x' jifhem illi fil-kuntest tal-akkuzi adebiti jista' qatt b'xi mod wiehed jikkonsidra forom ta' piena alternattiva ghal habs effettiv. Anzi, fil-verbal redatt nhar il-31 ta' Ottubru, 2011 il-partijiet ghamlu referenza ghal piena ta' habs effettiv u multa tassattiva.

Illi l-Qorti imbghad qalet illi apparti li l-piena suggerita kienet wisq miti fic-cirkostanzi, il-Qorti ma setghetx thares lejn dawn ir-reati "ta' certa gravita, peress illi d-dhul ta' droga fil-habs mhux biss jikkostitwixi ksur tal-ligi, izda jfisser breakdown fid-dixxiplina u fl-isforzi li jkunu qed isiru biex jigu mniedja programmi ta' riforma u riabilitazzjoni."

Illi apparti l-fatt li l-Qorti skartat ghal kollox ir-riabilitazzjoni tal-appellant, l-Qorti donnha assumiet l-irwol ukoll ta' prosekutur u hasset illi ghandha taghmel referenza ghal akkuza li l-prosekuzzjoni qatt ma gabet fil-konfront tal-appellant, u dana jinghad peress li l-akkuza odjerna fl-ebda hin ma taghmel referenza ghal fatt li r-reati adebiti gew kommessi gewwa l-facilita' korrettiva ta' kordin.

Illi tenut kont dan kollu d-difiza tikkontendi li l-esponent appellant jimmerita riduzzjoni fil-piena.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fil-hdax (11) ta' Ottubru tal-elfejn u hamsa (2005) saret strip search fuq l-appellant u fuqu nstabu blokka tar-rezina tal-kannabis tal-piz ta' erbgha punt tmien grammi (4.8 grs) u purità ta' cirka disgha punt sebgha fil-mija (9.7%) kif ukoll dsatax punt hamsa grammi (19.5 grs) eroina ta' purità ta' cirka tlieta u erbghin punt erbgha fil-mija (43.4%). Ghalhekk tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuza ta' pussess aggravat.

Permezz ta' verbal tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tal-elfejn u disgha (2009) l-appellant ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u b'sentenza tal-ghaxra (10) ta' Novembru elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrati ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal hames snin u multa ta' erbat elef ewro (€4,000) kif ukoll l-ispejjez.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-piena inflitta kienet gravuza wisq fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

L-argument principali tal-appellant hu fis-sens illi llum hu persuna differenti minn dak ta' xi snin ilu. Beda jirriforma ruhu fl-elfejn u disgha (2009) u issa huwa clean u drug free. Id-Difiza targumenta illi fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Ottubru tal-elfejn u hdax (2011) kemm hi kif ukoll il-Prosekuzzjoni ivverbalizzaw illi l-piena kellha tkun bejn tmintax (18) u erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija effettiva oltre multa tassattiva. Il-Qorti hadet konjizzjoni ta' dan il-verbal però iddikjarat "m'ghandix oggezzjoni, però l-Qorti mhijiex marbuta. Biex anke l-imputat ikun jaf b'dan."

Il-Qorti ghamlet sew meta ghamlet il-pozizzjoni taghha cara quddiem il-partijiet fejn allura ma kellux ikun hemm sorprizi meta l-ewwel Qorti ma qaghditx ghal dan is-suggeriment u imponiet piena illi dehrilha illi kienet ekwa fic-cirkostanzi. L-ewwel Qorti tat ir-ragunijiet b'mod iddettaljat il ghaliex kienet se tinfliggi dik il-piena partikolari u mhux xi haga ohra u din il-Qorti thoss illi dik id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti m'ghandhiex tigi disturbata. Ir-ragunament taghha huwa legalment korrett u l-piena inflitta qieghda fil-parametri tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------